



I-Unjoni
Ewropea

Nibnu I-Ewropa mal- **Kunsilliera Lokali**

Network ta' kunsilliera lokali tal-UE, li jaħdmu flimkien biex jikkomunikaw dwar suġġetti tal-UE



**Issieħeb
man-network**

https://building-europe-with-local-councillors.europa.eu/index_mt



Nibnu I-Ewropa flimkien mal-Kunsilliera Lokali

Il-proġett **"Nibnu I-Ewropa flimkien mal-Kunsilliera Lokali"** joħloq network Eropew ta' politiċi eletti lokalment bil-għan li jikkomunikaw dwar l-**Unjoni Ewropea** f'alleanza mingħajr preċedent bejn l-istrutturi tal-gvern Ewropej u lokali.

Il-proġett se jagħmilha possibbli għall-politiċi lokali biex jaħdmu flimkien u biex ixerrdu informazzjoni dwar suġġetti tal-UE li jikkonċernaw lill-kostitwenti tagħhom fil-livell lokali. Se jgħin ukoll biex jagħti spinta lill-impenn u jrawwem dibattiti dwar dawn il-kwistjonijiet u l-futur tal-Ewropa. L-għan ġenerali huwa li jiġi appoġġat il-ħolqien ta' **sfera pubblika tassew Ewropea**.

Il-**Kummissjoni Ewropea tistieden lill-awtoritatijiet lokali biex jissieħbu fil-proġett. Huwa faċli. Kemm timla l-formola ta' applikazzjoni, tella' d-dikjarazzjoni bil-firma tal-kunsillier lokali u r-rappreżentant legali tal-awtorità lokali maħtura, u ssottometti.**

Ladarba jkunu membri tan-network, il-kunsilliera lokali se jidħlu f'dibattitu mal-membri tal-kostitwenza tagħhom u/jew mal-media lokali dwar l-inizjattivi politiċi u l-miżuri ġenerali meħuda mill-UE.

Il-proġett huwa organizzat f'kooperazzjoni mill-qrib **mal-Parlament Ewropew u n-Netwerk Ewropew ta' Kunsilliera Reġionali u Lokali** tal-Kumitat tar-Reġjuni.



**Issieħeb
man-network**